



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5028/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0350(NLE)

PECHE 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	REGOLAMENT tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024 • Dikjarazzjoni minn Franza u l-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża u dik Taljana fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA U L-ITALJA dwar il-bażi volontarja tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tal-MAP għall-Punent tal-Mediterran

Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ta' kumpens, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-miżuri rrapportati fl-Artikolu 7 tal-Abbozz ta' proposta tar-*"Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024"* huma maħsuba biex jiġu implimentati esklużivament fuq bażi volontarja u mhumiex imfassla biex ikunu obbligatorji għall-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra dan l-approċċ volontarju fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens għal kull Stat Membru.